# Dun Xand Cortis

Chev. Mario Coleiro OSJ

Dun Xand Cortis twieled nhar il-11 ta' Jannar 1856 fir-raħal ta' Ħad-Dingli. Twieled ġewwa familja ta' bdiewa li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-ħidma fl-għelieqi viċin Ħad Dingli. Xandru, fi tfulitu, kien jaħdem ma' missieru u ħutu fl-għelieqi tal-familja. Filgħaxija kien imur jitgħallem it-Taljan u l-Latin għand il-Maġġur Ludovik Mifsud Tommasi. Minkejja l-limitazzjonijiet tal-familja, u minkejja l-oppożizzjoni fil-bidu min-naħa tal-ġenituri, però fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda ħallewh jibda l-istudju tiegħu biex isir qassis. Meta ddeċieda li jibda dan l-istudju kienet pjuttost diffiċli għall-familja minħabba l-fatt li hu ma kienx l-uniku wieħed minn din il-familja li kellu din il-vokazzjoni. Fil-fatt, ħuh il-kbir Mattew kien diġà qiegħed jistudja għas-saċerdozju. Meta kellu 19-il sena daħal fil-Kulleġġ San Tumas d'Aquino tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat fejn Xandru studja l-Filososfija u t-Teologija. Fit-18 ta' Diċembru 1880 sar djaknu u nhar is-17 ta' Diċembru 1881, fl-età ta' 25 sena, kien ordnat saċerdot.

Dun Xand kien saċerdot twajjeb u kien bniedem għaref ħafna tant li kien imfittex sew għall-qrar u għall-pariri. L-imħabba li kellu lejn il-letteratura ġagħlitu jikteb u jippubblika bosta kotba. Hu kien iħobb jikteb l-iktar novelli magħrufa bħala tal-'Mogħdija taż-Żmien'. Dawn kienu jikkonsistu fi stejjer sempliċi imma interessanti. Ktieb magħruf ħafna minn tiegħu huwa l-ktieb 'Il-Praspar'. Wara li ġie ordnat saċerdot, huwa mar ġewwa Ruma fejn hemmhekk kompla bl-istudju tiegħu.

Meta l-familja Cortis marret toqgħod ġewwa Ħal Balzan, Dun Xand kien jaħdem ħafna fil-ħajja parrokkjali. Is-salvazzjoni tal-erwieħ u l-qadi spiritwali kien important ħafna għalih. Meta ħuh, Dun Mattew Cortis, kien sar il-Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Lija, Dun Xand kien jgħinu ħafna fix-xogħol parrokkjali. F'dak iż-żmien (fl-1894), b'turija ta' ammirazzjoni lejn Kristu Salvatur, kien kiteb il-ktieb 'Tifsir it-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù'. Għal xi żmien kien siefer minn Malta u mar jaħdem bħala missjunarju fit-Tuneżija, l-Alġerija, u l-Greċja. Fis-sena 1901, l-Arċisqof Monsinjur Pietru Pace ħatar lil Dun Xand Cortis bħala r-Rettur tal-Knisja u l-Kunvent ta' Santa Venera wara li dawn kienu sfaw battala meta telqu l-patrijiet Ġiżwiti fejn in-nies ta' Santa Venera ma kienx għad baqgħalhom min jieħu ħsieb il-ġid spiritwali tagħhom.

Dun Xand kien joqgħod f'dar fi triq Santa Venera (illum Triq Braille). Huwa kien Kappillan tas-sorijiet fil-konservatorju Vincenzo Buġeja f'Santa Venera stess. Sa mill-bidu nett huwa rabat qalbu mal-inħawi ta' Santa Venera u dan ir-raħal kien ta' sikwit jidher fil-kitbiet tiegħu. Fost dawn il-kitbiet insibu l-istorja tal-ħajja ta' Santa Venera Verġni u Martri stess li hu kien kiteb wara riċerka li kien wettaq fuq din il-

qaddisa li kienet waħda mill-ewwel martri tal-Knisja. Għalkemm kien imdaħħal fiż-żmien xorta waħda kien beda jaħdem mill-qalb għall-poplu ta' Santa Venera li kien dejjem qiegħed jikber. Iżda hu kien jaf li ma setax ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-knisja u tal-poplu f'daqqa, għalhekk beda jaħdem biex il-knisja u l-kunvent jgħaddu f'idejn xi ordni reliġjuża li setgħet tieħu ħsieb dan ir-raħal.


Dun Xand Cortis

Ħaġ'oħra li Dun Xand ħadem għaliha bla heda kienet dik li jara t-twaqqif tal-parroċċa ta' Santa Venera. L-ordni reliġjuża li wriet ix-xewqa li tassumi r-responsabbiltà tan-nies li kienu jgħixu ġewwa Santa Venera kien l-Ordni Karmelitana. Dun Xand kien jaqbel li Santa Venera kellha tgħaddi f'idejn il-patrijiet Karmelitani u għalhekk ħabrek kemm felaħ biex dan iseħħ. Dan sar realtà meta bid-digriet tal-Arċisqof bid-data tat-30 ta' Lulju 1912, il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera għaddew f'idejn il-Patrijiet Karmelitani. Dawn mill-ewwel bdew iwettqu l-ħidma tagħhom fost ir-residenti tar-raħal u flimkien ma' Dun Xand Cortis tħabtu kemm felħu biex fit-12 ta' Marzu 1913 Santa Venera saret indipendenti mill-parroċċa ta' Birkirkara u saret Viċi-Parroċċa. Issa kien imiss li din tkun ukoll stabbilita bħala parroċċa awtonoma u indipendenti.

Dun Xand kien ħabib kbir mal-Provinċjal tal-Karmelitani Patri Spiridione Vassallo O.Carm. Dawn ħadmu bis-sħiħ biex tiġi mwaqqfa din il-parroċċa l-ġdida, iżda Dun Xand ma kellux ix-xorti li jara dan iseħħ għax miet qabel ma twaqqfet il-parroċċa.

Kien nhar is-17 ta' Frar 1916 meta Dun Xand Cortis mar ma' Patri Spiridjun għal waħda mill-passiġġati li kienu jħobbu jmoru fl-inħawi tal-Imrieħel. Hekk kif waslu fejn dik hekk imsejħa 'l-arkata l-baxxa', Dun Xand ħassu ħażin u miet proprju f'idejn Patri Spridjun fl-età ta' 60 sena. Dun Xand ma kellux ix-xorti li jkun preżenti meta twettqet waħda mill-akbar xewqat li kellu, dik li jara lil Santa Venera parroċċa; avveniment li seħħ fl-4 ta' Settembru 1918. Iżda jibqa' l-fatt li dan il-qassis twajjeb minn Ħad-Dingli kien strumentali biex twaqqfet din il-parroċċa li tant ħadem għaliha.